MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1198/1999/1

**Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**Vs**

**George Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jigi kundannat li jhallas lill-istess attur is-somma ta' mitejn, sebgha u disghin lira maltin (Lm297.00,0) dovuta bhala ghajnuna socjali mhallsa lill-mart il-konvenut Doreen Mizzi matul il-perjodu minn April 1991 sa Novembru 1991, meta il-konvenut kien obbligat li jmantniha skond sentenza tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili li ggib id-data tal-15 ta' April 1991 (Dok A).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-28 ta' April 1992, tat-18 ta' April 1996 u tat-23 ta' April 1999 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz a fol 2 tal-atti u markat Dok A.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Preliminarjament illi t-talba attrici hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ebda ammont mhu dovut mill-eccipjenti.
3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat is-sentenza preliminari moghtija fis-6 ta’ Novembru 2001 (fol 25 et seq ibid) in konnesjoni mal-eccezzjoni preliminari kif proposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, l-konvenut, fuq il-meritu ta’ din il-kawza ma gab ebda hjiel ta’ prova sabiex jghid ghaliex l-ammont pretiz mill-attur ma hux dovut minnu. Inoltre fl-eccezzjoni kif sottomessa minnu, ma indika ebda raguni, ta’ kwalksiasi xorta, ghaliex l-istess ammont ma hux dovut.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, da parti tal-attur, gie prodott <u>Carmel Azzopardi</u> (fol 32 et seq ibid) li spjega illi mart il-konvenut, Doreen Mizzi kienet applikat, matul Dicembru 1990 ghal ghajnuna socjali. In rigward din it-talba jidher illi l-istess Doreen Mizzi kienet intavolat rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigi akkordat lilha il-manteniment dovut minn zewgha, l-konvenut, pendenti proceduri ghal separazzjoni bejniethom skond il-ligi (ara fol 35 ibid). Sussegwentement, l-istess Qorti kienet ordnat lill-konvenut sabiex jhallas lill-martu, manteniment ta’ Lm9 fil-gimgha pagabbli, bil-quddiem skond digriet esebit in atti a fol 2 u fol 37 moghti fil-15 ta’ April 1991. Minhabba li l-

konvenut ma kienx hallas dan il-manteniment kif iffimat Dorren Mizzi kienet applikat ghal ghajnuna socjali (ara fol 56 ibid) u ghalhekk l-imsemmi manteniment beda jithallas mid-Direttur tas-Sigurta Socjali direttament lill-Doreen Mizzi. Ghalhekk saret din il-kawza sabiex l-attur jithallas minghad il-konvenut dak kollu mhallas minnu lil Doreen Mizzi ghall-perijodu minn April 1991 sa Novembru 1991 b'kollox Lm297 (ara fol 38 tal-istess atti).

(ara ukoll l-atti publiku a fol 59 tal-atti li permezz tieghu kienet saret is-separazzjoni bonarja bejn l-istess konjugi Mizzi).

Illi, inoltre, gie prodott Edwin Mallia li esebixxa l-'employment record' tal-konvenut (fol 47 sa fol 49 ibid) minn fejn jidher li l-konvenut, fil-perijodu in kwistjoni kien effettivament impjegat bhala 'full time labourer'.

Ikkunsidrat

Illi a basi ta' dak kollu premess jidher evidenti li t-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm297.00,0 bl-imghax legali mit-28 ta' April 1992 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' April 1992 tat-18 ta' April 1996 u tat-23 ta' April 1999.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------